**Paper Proġettimpenn**

**Il-Ġimgħa 22 ta' Ottubru, 2010**

# Iċ-Charter tad-Drittijiet tal-Familja.

# Għadu jagħmel sens illum?

## 1.Daħla.

Ħafna minnkom żgur tiftakru l-klassiku fil-letteratura Ingliża ***Gulliver's Travels*** ta' **Jonathan Swift** li fil-fatt huwa riflessjoni reliġjuża għall-aħħar fuq il-Knisja fl-Ingilterra tas-seklu 18. **Jonathan Swift** innifsu kien High Church clergyman. L-isem tal-Belt 'Lilliput' għandu l-oriġini tiegħu f'La Pute, bil-franċiż prostituta, b'referenza għall-Belt tal-Antikrist fl-Apokalissi (17, 18).

L-awtur jibni l-istorja fuq il-proċess fil-kultura ta' madwaru li kien qed iwassal għall-punt fejn il-Kristjaneżmu litteralment jogħsfor. Id-deġenerazzjoni ta' żmienu, skont hu, kienet qed twassal għall-apostasija, li mbagħad twassal għall-ateiżmu.

In-nies ta' Lilliput huma żgħar fl-istatura, indikazzjoni tal-istatura spiritwali li xtorbot minħabba l-qima żejda lejn ir-Re, is-suppervja, u d-diżinteress lejn il-Knisja. Gulliver li huwa ġgant, hu marbut bil-ktajjen mat-tempju l-antik f'Lilliput fejn il-Knisja kienet desagrata.

Forsi tistaqsu dan x'għandu x'jaqsam ma' dak li ltqajna għalih il-lejla. Dak li qed jiġri liż-żwieġ u lill-familji tagħna, fl-ideja tiegħi, huwa biss il-punt ta' fejn qed naslu. Il-punt tat-tluq irridu nfittxuh x'imkien ieħor, fil-proċessi ta' bidla li qed iseħħu ġo fina u li qed ibiddlu l-perspettiva fundamentali tagħna ta' kif inħarsu lejn il-ħajja, lejna nfusna, lejn it-twemmin tagħna, u allura ta' kif qed nagħmlu l-għażliet li nagħmlu kuljum, dawk żgħar u dawk kbar bħalma huma li tiżżewweġ.

**<u>2. L-istituzzjoni jew l-individwu?</u>**

Il-lejla ltqajna biex infakkru s-27 anniversarju minn meta s-Santa Sede ppresentat iċ-**Charter tad-Drittijiet tal-Familja**, u l-mistoqsija quddiemna hi jekk dan għadux jagħmel sens illum. It-tweġiba kważi ovvja hi li iva, għadu jagħmel sens; imma mistoqsija li ssegwi hi jekk dan iċ-Charter hux rimedju għal dak li llum qed jinkwetana fejn jidħlu żwieġ u familja. U hawnhekk it-tweġiba, forsi mhux għal kulħadd ovvja, hi le! U r-raġuni?

Hu importanti li jkollna qafas ġuridiku u legali li jipproteġi l-familja u istituzzjoni bħalma hi ż-żwieġ. Imma llum irridu nammettu li forsi spiċċa ż-żmien li nserrħu wisq fuq il-liġi u l-leġislaturi fejn jidħol it-twemmin tagħna. Il-leġislaturi kienu li ddefendew l-istituzzjoni tal-familja u ż-żwieġ fl-imgħoddi, u l-leġislaturi huma llum dawk li qed iżarmawha. L-individwu jiġi qabel l-istituzzjoni f'ħafna sensi. U rridu nibqgħu nistaqsu x'qed jiġri bażikament fil-qalb tal-bniedem, x'jagħmel lill-bniedem iktar awtentiku u bniedem sħiħ. Hija domanda antropoloġika. Ġwanni Pawlu II kien jitkellem minn antropoloġija marida. Id-drittijiet huma xi ħaġa fundamentali għall-kultura tagħna f'dawn l-aħħar tlett mitt sena, imma forsi l-iżjed mid-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fl-1948.

Imma d-drittijiet daqskemm jista' jsir appell f'isimhom biex niddefendu l-istituzzjoni tal-familja, daqstant ieħor l-individwu f'isem il-liberta' u l-individwalita' jista' jiġi qabel l-istess familja. Fi żmien ieħor ir-realta' tal-familja kienet sagra u tiġi qabel kollox. Illum għaddejja minn żmien ta' turbolenza għax l-individwu, kultant b'dak li jħoss u jkun konvint minnu hu, jiġi qabel l-istituzzjoni.

Sa ftit ilu l-istituzzjoni taż-żwieġ kienet issostni hi stess ir-relazzjoni fiż-żwieġ u kienet istituzzjoni li kellha s-saħħa anke tkopri kollox u kważi tagħmel tajjeb għall-iżbalji u saħansitra għat-tradimenti. Kienet istituzzjoni kważi mitika, intokkabbli. Kienet xi ħaġa meqjusa bħala '*given*' tan-natura, kienet parti integrali minn dak li rċevejna, kienet xi ħaġa li ma tiddiskutihiex. Kif jgħid **Jonathan Sacks**, iċ-Chief Rabbi fl-Ingilterra u l-Commonwealth, darba kienet teżisti dinja konċettwali li kellha moralita' ċara u stabbilita fejn l-obbligi kienu jsegwu b'mod mill-iktar ovvju minn dak li int. Il-moralita' kienet moralita'

riċevuta, mhux fabbrikata, u kellha l-għeruq tagħha fil-mod ta' ħajja tagħna u kienet infurzata mill-istess mod ta' ħajja.

Illum il-ħajja taż-żwieġ tiddependi mhux mill-istituzzjoni nnifisha taż-żwieġ, imma ferm iktar mill-livell ta' impenn u investiment tal-istess miżżewġin. Hu għalhekk, fl-ideja tiegħi, li waqt li bla dubju jagħmel sens li jkun hemm Charter tad-Drittijiet tal-Familja u li jkun hemm qafas legali u ġuridiku li jħares l-istituzzjoni taż-żwieġ u jipproteġi l-familja, fl-istess ħin dan ma jserrħilnix rasna li qiegħed ukoll joffri r-rimedju għal dak li jinkwetana. Meta għandek xi ħaġa tinfirex minn ġewwa, jekk tippermettuli dan il-paragun kiefer, trid tmur għal rimedju ferm iktar inċisiv u profond. Iċ-*Charter* tad-Drittijiet tal-Familja tfassal biex jipproteġi l-istituzzjoni taż-żwieġ, imma hawnhekk qegħdin nitkellmu mhux minn organiżżazzjoni, li iva tista' tirregolaha b'qafas legali, imma minn organiżmu. U din tagħmel differenza kbira.

## <u>3. Il-Cor inquietum.</u>

Id-diżordni li d-dgħjufija u l-ħerba fiż-żwieġ u l-familja jġibu, mhuwiex diżordni li llum jista' jkun ikkoreġut mill-qafas legali. Dak id-diżordni hu riżultat ta' tifrik li jidher minn barra, imma hu sintomu ta' marda li qed tnawwar minn ġewwa u li titlob trattament differenti. Il-problemi ta' barra jisfidawk, imma dawk ta' ġewwa idgħajfuk. U fix-xenarju li qed jiżviluppa quddiem għajnejna llum, dak li jeħtieġ nifhmu hu x'qed idgħajjef lill-bniedem minn ġewwa u x'qiegħed jirrendi r-relazzjonijiet bejnietna daqshekk fraġli.

Fil-kultura ta' madwarna hemm dak li ngħidulu l-*landscape* ta' żminijietna, u l-*landscape* tal-qalb. X rays tal-*landscape* ta' żminijietna għandna kemm trid : surveys, statistika, analiżi tal-istatistika. Li neħtieġu hu l-X ray tal-l*andscape* tal-qalb. Għax, kif tafu intom daqsi u iżjed minni, kważi tista' taqta linja dritta meta titkellem dwar koppji li qed jiżżewwġu u tgħid b'konvinzjoni li l-pass li qed jagħmlu qed jagħmluh bil-qalb. Imbagħad, kultant anke f'qasir żmien, jirriżulta mod ieħor u hemm nibdew nistaqsu x'inhu jiġri u x'inhi l-problema. Is-salvagwardja legali u ġuridika tal-istituzzjoni, anke b'*Charter* bħal dik li qed infakkru llum, mhix trieġi quddiem il-konfużjoni tal-qalb. Qisu bħall-ħitan ta'

Ġeriko, qed naqleb l-eżempju ta’ taħt fuq, li jaqgħu quddiem qawwa ikbar li ġejja minn ġewwa.

Qegħdin f’dinja fejn id-drittijiet fundamentali tal-bniedem għadhom imkasbra f’ħafna rkejjen. Imma ħadd ma joħlom li d-Dikjarazzjoni tal-1948 hi bla sens. L-istess għaċ-*Charter* tad-Drittijiet tal-Familja. Imma waqt li fejn jidħlu d-drittijiet tal-bniedem, l-*enforcement* jista’ jkun effikaċi, fejn jidħlu d-drittijiet tal-Familja mexjin b’ritmu mgħaġġel ħafna fid-direzzjoni opposta ta’ dak li hu *enforcement*. Għaliex? F’ta’ l-ewwel ħadd ma joħlom li jiddikjara li l-bniedem hu bla dinjita’ u bla drittijiet, anke jekk fl-istess nifs qed ikasbarhom. F’tat-tieni, il-kultura tagħna ħolqot u qed toħloq dubji kbar u serji dwar x’inhi familja, x’inhu żwieġ, teżistix istituzzjoni taż-żwieġ li hi hekk sagra u li hi suġġett ta’ drittijiet jew li għandha tkun meqjuma bl-istess mod minn kulħadd u kullimkien.

U hemm nidħlu fil-labirint tal-lum li jġiegħlna nħarsu lura biex naraw mnejn tlaqna biex wasalna fejn qegħdin illum u nħarsu l-ġewwa biex nifhmu x’inhu jiġri fil-qalb tal-bniedem. Il-kultura hi b’saħħitha tant li tnawwar il-qalb u kapaċi toqtol l-imħabba jew il-qalb tal-bniedem hi hekk korrotta li tniġġeż l-ambejnt u allura twassal għal dak li qed inġarrbu? Mistoqsija qadima u dejjem ġdida. **Charles Taylor**, wieħed mill-filosfi morali li jispikkaw fi żmienna, joħroġ l-individwaliżmu bħala karatteristika prinċipali li tispikka fil-bniedem tal-lum. Mhemmx dubju li l-individwalita’ kienet akkwist kbir taċ-ċivilta’ moderna li ssib l-espressjoni tagħha fiċ-*Charter* Ewropew tad-Drittijiet Fundamentali u li tiggarantixxi d-dritt tal-għażla, id-dritt li tiddeċiedi inti fil-kuxjenza, id-dritt li tiddetermina ħajtek.

## 4. Il-verita’ morali.

Imma din il-liberta’ tal-individwu llum qed nifhmuha wkoll bħala ħelsien minn kull qafas ta’ moralita’. U allura dak li llum jispikka fil-passaġġ mill-Modernita’ għall-Postmodernita’ hija l-frammentazzjoni kulturali, in-nuqqas ta’ dak li jissejjaħ *public discourse* anke fuq affarijiet jew realtajiet bħall-familja u ż-żwieġ li f’qafas ieħor kienu anke meqjusa sagri, in-nuqqas ta’ qafas komuni bħala

*mindset* li fuqu jista' jintlaħaq *consensus* fuq dak li jiggarantixxi l-konvivenza fis-soċjeta'. Minn dan il-*mindset,* isegwu ħafna għażliet li fihom is-soċjeta' tfittex li tadegwa ruħha mhux tant ma' dak li jista' jitqies il-ġid komuni, daqskemm ma' kejl ieħor li huma d-dommi ta' żmienna bħal ngħidu aħna l-*political correctness* jew id-drittijiet tal-minoranzi. Hija ta' dawn il-ġranet l-għażla f'pajjiżna f'dak li qed jiġi propost dwar il-prokreazzjoni medikament assistita li din tkun offruta lil dawk li jissejħu koppji stabbli, imma li mhux neċessarjament huma miżżewġa.

Illum nitkellmu minn etika reliġjuża u etika lajka. Is-soċjeta' mhemmx dubju teħtieġ xi forma ta' etika, u ma naffordjawx li ma tkunx teżisti xi forma ta' etika lajka inkella għal dawk li f'ħajjithom telqu r-reliġjon tkun waqgħet ukoll kull forma ta' etika. Illum nirrikonoxxu li aħna lkoll prodotti ta' kultura li żviluppat taħt l-influenza tax-xjenza, tat-teknoloġija, u tal-ħsieb razzjonali. Il-politika sal-Medju Evu kienet l-arti ta' dak li hu tajjeb u l-għan tal-ħajja politika kienet il-virtu'. **Macchiavelli** pero' il-politika iddefiniha bħala l-arti ta' dak li hu possibbli sakemm illum sirna nemmnu forsi iżżejjed fina nfusna. "Yes we can"! Motto li llum jintuza ħafna u li jagħti lill-bniedem sens kbir ta' awto-suffiċjenza.

**Immanuel Kant**, meqjus bħala wieħed mill-missierijiet tal-Illuminiżmu, kien sposta l-bażi tal-moralita' mir-Reliġjon għar-Raġuni u dik kienet mossa determinanti għall-aħħar biex nifhmu ċertu diskors li għadu jsir illum fejn jidħol id-diskors dwar valuri. Sar ħafna, speċjalment minn vuċijiet meqjusa radikali fis-seklu 19, biex il-moralita' konvenzjonali ma tibqax il-kejl għall-aġir u l-imġieba tal-bniedem. Dan mhemmx dubju influenza u anke iddetermina kurrenti sħaħ anke fl-edukazzjoni fejn kważi tnissel ċertu biża' li saħansitra fl-iskola tgħallem, għax tista' tkun indottrinazzjoni. Daħal il-prinċipju ta' *value clarification* u sikwit l-ambjent tal-edukazzjoni irriduċejnieh għal forma ta' 'Xarabankiżmu'.

Diġa semmejtu lil **Charles Taylor**. Fis-*Sources of the Self* jitraċċa dak li skont hu jikkostitwixxi l-isfond li fih ngħixu u li fuqu nevalwaw ħajjitna u dak li nagħmlu kuljum. Hu jara bħala emerġenti b'mod qawwi fil-kultura tal-Punent fost l-oħrajn l-awtonomija, li twassal lill-individwu biex jiżboq il-konfini ta' kwalunkwe kundizzjonament soċjali u hekk joħloq lilu nnifsu bħala iktar uniku. Il-familja aħna għadna nħobbuha u nemmnu fiha u fl-istabbilta' tagħha; imma naċċettaw li l-individwu għandu l-liberta'. Illum l-aspirazzjonijiet fil-ħajja huma

għolja, naspiraw għal stil ta' ħajja u għal suċċessi personali li kultant huma lil hinn minn dak li fir-realta' nistgħu nilħqu.

## **5. Familja u politika.**

Il-familja kien hemm żmien meta kienet il-bejta, il-punt ta' riferiment kważi uniku u żgur fil-ħajja tal-individwu. Iż-żwieġ m'għadux l-uniku arranġament possibbli u aċċettabli biex ikollok relazzjonijiet sesswali u biex iġġib it-tfal. Iċ-*Charter* tad-drittijiet tal-Familja tiddefendi u tipprova ssaħħaħ l-istituzzjoni taż-żwieġ kif irċevejniha u kif dejjem emminna li hija, bħala istituzzjoni. Fl-istess ħin pero' saru u għadhom isiru għażliet politiċi li jdgħajfu din l-istituzzjoni, li sikwit l-anqas ma hi presentata bħala idejal. L-Isqfijiet fin-*Nota Pastorali* tal-Ħadd 17 ta' Ottubru 2010 qalu : "Ma tistax tesprimi valur u taċċetta realta' kontrih". Imma dan hu li fil-fatt qed jiġri, u mhux biss fuq livell ta' soċjeta'. U d-diffikulta' hi li ma nifhmux dejjem għaliex qiegħed jiġri hekk. Tfakkarni f'dak li jikteb San Pawl lir-Rumani meta jgħid li hu misteru għalih innifsu u ma jifhmix għaliex jagħmel dak li ma jridx u ma jagħmilx dak li jrid.

Imma dan hu sfortunatament il-paradoss li llum qed ngħixu fuq kull livell. Forsi hu għalhekk li llum waħda mill-karatteristiċi l-iktar negattivi tas-soċjeta' u tal-kultura tagħna hija propju li ftaqarna mill-idejali. U dan kultant jgħodd għall-politika daqskemm jgħodd għall-Knisja u għal oqsma vitali bħalma hi l-edukazzjoni. Inħoss li biex nifhmu sewwa x'inhu jiġri fiż-żwieġ u l-familja ma nistgħux nieqfu fuq dak li hu biss framment tal-istampa sħiħa. Irridu naraw x'inhu jiġri fil-Kristjaneżmu f'sens iktar wiesgħa u fir-Reliġjon in ġenerali.

Ir-Reliġjon għal ħafna żmien kellha l-firxa tagħha b'mod kważi totali fuq il-lingwaġġ tagħna, fuq il-valuri u fuq l-istituzzjonijiet li kienu jagħġnu lil ħajjitna. Iktar ma r-Reliġjon irtirat mis-soċjeta', dan narawh fil-proċess imsejjaħ tas-sekulariżżazzjoni, is-soċjeta' iktar żviluppat il-valuri sekulari tagħha, l-istituzzjonijiet u saħansitra l-liturġiji tagħha. L-Istat modern l-ewwel sfida u mbagħad issostitwixxa l-awtorita' reliġjuża, bir-riti u l-istituzzjonijiet tagħha.

## **6. Qabża epokali.**

**Oliver Sacks**, Newrologu, fil-ktieb tiegħu *An Anthropologist on Mars*, jirrakkonta stejjer ta' nies pazjenti tiegħu li jikkonfermaw kemm il-bniedem, f'kundizzjonijiet tal-ħajja skomdi u diffiċli, għandu kapaċita' ta' adattament. Hu jsejħilha l-immaġinazzjoni tan-natura kif topera fid-dinja tal-fiżika u tal-bijoloġija. U jġib l-eżempju tiegħu stess fl-introduzzjoni tal-ktieb. Hu u jlesti l-ktieb, kellu jdejh miksura u allura fil-ġibs imma l-id ix-xellugija fi ftit taż-żmien kienet diġa bdiet tadatta ruħha biex tagħmel dak li qatt ma kienet għamlet.

Illum neħtieġu immaġinazzjoni ġdida fejn jidħlu ż-żwieġ u l-familja. Ma nistgħux nirrestawraw l-affarijiet kif kienu mitt sena jew ħamsin sena ilu. Minn naħa l-oħra l-anqas ma nistgħu inċedu l-armi quddiem il-mewġ. Kif jgħid **Thomas Green**, fil-baħar tista' jew tgħum, allura trid taqdef u tissielet, jew tifflowtja, u allura tintelaq u jmexxik il-kurrent. L-arloġġ ħadd ma joħlom li jreġġgħu lura. Allura jekk il-familja hi hekk vitali għas-soċjeta' u għall-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna, irid ikollna l-kapaċita' ta' immaġinazzjoni biex l-affarijiet ma jibqgħux sejrin għal riħhom.

Il-ħajja soċjali fil-mod kif qed tiżviluppa qed issir dejjem iżjed kumplessa, qed jitfaċċaw kwistjonijiet ta' natura morali dejjem ġodda li kważi jġiegħluna niddubitaw mill-validita' tal-prinċipji ta' darba. Mistoqsijiet ġodda jeħtieġu tweġibiet ġodda. Ghalkemm li se ngħid tista' tinstema esaġerata, imma kważi kważi irridu nerġġgħu nivvintaw mill-ġdid perspettiva sħiħa tal-ħajja u bħala nsara ngħaddu minn proċess ta' *unlearning* biex il-fidi tkun tista' tispira din il-perspettiva. Qed noħlom? Imma qabżiet bħal dawn tul l-istorja tal-Kristjaneżmu għandna bil-għżuż. Fundaturi u mistiċi kbar u żgħar meta tara biex ħarġu ikollok tgħid li iva, ivvintaw mill-ġdid. Naħseb fejn tidħol il-familja qegħdin f'mument tal-istorja epokali. Irridu nagħmlu qabża kwalitativa biex nifhmu x'inhu jiġri u nibqgħu kapaċi nħarsu lejn il-futur b'tama.

Il-*public policies* fl-oqsma tal-welfare, tal-edukazzjoni u tas-saħħa jitolbu li almenu jkun hemm qbil fuq in-natura tal-persuna, tal-familja, tad-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-ġenituri. Imma fil-Punent din il-bażi komuni hija diffiċli mmens l-iktar minħabba li hawn ċertu rifjut fejn tidħol il-verita' morali. Bħalma għidt iktar il-fuq, ma jeżistix iżjed *public discourse* li hu komuni. Fl-isfera

pubblika fil-Punent, hemm nuqqas kbir ta' qbil dwar x'inhu naturali u x'mhux, u dan qed iwassal għal bidla fid-drawwiet etiċi li qed jeffettwaw il-bażi tal-istess ċivilta'. Din il-bidla fi żmienna mhix frott xi idejoloġija li qed tkun imposta, imma qed isseħħ f'isem l-edoniżmu pur u x-xettiċiżmu taħt il-maskra ta' l-unika verita' assoluta li fadal li hija t-tolleranza.

Imma hemm ċans ta' ritorn lejn sanita' morali? Illum qed insiru konvinti li l-istandards etiċi huma ferm iżjed deċisivi għall-futur ta' ċivilta' anke mill-istess twemmin. Meta Ġwanni Pawlu II iddikjara lil **Edith Stein** bħala ko-Patruna tal-Ewropa, kien qal : "Ewropa li tbiddel il-valur tat-tolleranza u tar-rispett lejn kulħadd f'indifferentiżmu etiku u f'xettiċiżmu dwar valuri li għalihom ma nistgħu qatt nirrinunzjaw, tkun qed tinfetaħ beraħ għal riskji kbar u llum jew għada jkollha tiffaċċja affarijiet koroħ". L-'għada' li rrefera għalih il-Papa hu diġa 'illum' għalina.

Wara l-waqa' tal-Imperu Ruman, iċ-*Civitas Dei* ta' **Santu Wistin** kien qed jisfida l-Kristjaneżmu biex jitlaq jimxi mingħajr il-krozzi u s-sigurta' tal-Imperu Ruman. Ma nistgħux naffordjaw li nagħtu raġun lil **Macchiavelli** li fil-prammatiżmu tiegħu ipparaguna l-morali tradizzjonali mal-istilel li, kif qal hu, huma sbieħ biex tħares lejhom imma l-bogħod wisq biex idawwlu l-passi tagħna. Il-kriżi taż-żwieġ u l-familja, bħall-kriżi in ġenerali tas-soċjeta', hija kriżi primarjament spiritwali u quddiemha rridu niftħu t-teżori tal-fidi tagħna biex ma jiġrix li fidi hekk rikka tkun tidher staġnata u inkapaċi li twieġeb għal dak li l-bniedem u s-soċjeta' tal-lum tassew jeħtieġu.

Rev Rene' Camilleri

22. X. 10